MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 73/2010

**Adrian Marmara (I.D. Nru. 469376 (M)) u Eugenio Camenzuli**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

l-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-25 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi ghaddejjin proceduri kriminali, fejn r-rikorrenti Marmara qed iwiegeb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, filwaqt li r-rikorrenti Camenzuli qed iwiegeb quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri), it-tnejn akkuzati

fost affarijiet ohra b'kultivar tal-*cannabis* fit-22 ta' Frar, 2007, u fix-xhur ta' qabel;

2. Illi bil-mod kif hu redatt l-artikolu 22 (1B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti ma jistax ikollhom smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi l-imsemmi artikolu 22 (1B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fuq indikat jghid fost l-ohrajn:

" Ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" … tinkludi l-koltivazzjoni …";

4. Illi r-rikorrenti jsostnu li hadd ma jista' jiehu piena li ghaliha ma jkunx hemm provdut espressament fil-ligi – "*nulla poena sine lege*";

5. Illi fl-1996 Malta rratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illecitu ta' Drogi u Sustanzi Psikotropici 1988;

6. Illi fit-termini tal-istess Konvenzjoni l-artikolu 3 (2) taghha jistabbilixxi:

"Subject to its constitutional principles and the basic concepts of its legal system, each party shall adopt such measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, when committed intentionally, the possession, purchase or cultivation of narcotic drugs … for personal consumption";

7. Illi ghalkemm il-Konvenzjoni in dizamina giet ratifikata lokalment, pero` l-ligi ma gietx emendata jew iccarata u konsegwentement il-frazi " … tinkludi l-koltivazzjoni …", ghandha tigi nterpretata fl-isfond tal-Konvenzjoni fuq riferita u ghalhekk tirriferixxi biss ghal kultivar mhux ghall-uzu esklussiv – altrimenti ma tezisti l-ebda certezza legali minhabba d-diskrepanza li tezisti bejn il-Konvenzjoni u l-ligi Maltija;

8. Illi dan in-nuqqas johloq lacuna fil-ligi rigwardanti l-piena ghaliex m'hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kultivar ghall-uzu personali biex b'hekk japplika l-principju "*nulla poena sine lege*";

9. Illi ghalhekk, in vista tal-premess jitolbu lil din il-qorti:

i. Tiddikjara li l-mod kif hu redatt l-artikolu 22 (1B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferit hu leziv id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

ii. Tipprovdi li fejn hemm imsemmi " … tinkludi kultivazzjoni …", ghandu jigi interpretat li ma jestendix kultivar ghall-konsum u uzu personali; u

iii. Taghti kwalsiasi provvediment ulterjuri biex tissalvagwardja d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tar-rikorrenti fuq indikati;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-1 ta' Dicembru, 2010, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi fil-fattispeci in dizamina ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

2. Illi di piu`, mhux car kif il-proceduri mehuda kontra r-rikorrenti kif minnhom indikat jiksru d-dritt ta' smiegh xieraq kif sancit mill-istess Konvenzjoni fuq riferita;

3. Illi ghandu jkun car li ai termini tal-artikoli 8 (c) u 22 (1B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferit, il-koltivazzjoni tal-kannabis hu reat u allura l-principju tac-certezza tad-dritt hu sodisfatt;

4. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-imsemmija Konvenzjoni;

5. Illi l-artikolu 3 (2) tal-Konvenzjoni tal-1988 fuq riferita, ratifikata lokalment fl-1996, jobbliga lill-firmatarji biex jadottaw mizuri biex il-pussess; ix-xiri; u l-kultivazzjoni ta’ drogi narkotici ghall-uzu personali jkunu wkoll jikkostitwixxu reat – dejjem fil-qafas tas-sistema legali tal-pajjiz;

6. Illi l-imsemmija Konvenzjoni hi biss stat vis-à-vis l-istati firmatarji u mhux bejn l-istat u l-individwu u ghalhekk, ir-rikorrenti ma jistghux jivvantaw xi drittijiet fir-rigward;

7. Illi l-ligi tqis il-kultivazzjoni tal-cannabis bhala attivita` perikoluza u konsegwentement l-Istat Malti ghazel li jikkwalifikha bhala reat punibbli skont il-ligi irrispettivament mill-fatt jekk l-ikkultivar kienx ghall-uzu personali jew le;

8. Illi ghalhekk la l-verzjoni Maltija u lanqas dik Ingliza ma fihom xi nuqqas ta’ certezza jew diskrepanza bejniethom;

9. Illi in kwantu ghar-retroattivita` rikjamata mir-rikorrenti, huma stess ma jirrizultax li qed jallegaw li qed tigi applikata ligi b’mod retrospettiv;

10. Illi ghalhekk l-intimati qed jistiednu lil din il-qorti biex tichad ir-rikors promotur bhala nfondat;

11. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat in-nota konguntiva tal-intimati datata t-3 ta’ Mejju, 2011, li permezz taghha kkonfermaw li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illecitu ta’ Narkotici u Sustanzi Psikotropici, kienet ratifikata mill-Gvern Malti u ghalhekk tifforma parti mill-ligi Maltija, (ara fol 31 et sequitur);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li ma kienux ser jipprezentaw provi f’din il-procedura stante li l-vertenza hi purament wahda ta’ natura legali, (ara fol 35 et sequitur);

Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati t-3 t'April, 2012, u t-13 ta' Gunju, tal-istess sena;

Rat ir-rikors korrettorju tar-rikorrenti datat id-19 ta' Gunju, 2012;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-19 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu rispettivament esprimew ix-xewqa li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u risposta relattiva;

Rat il-verbal taghha fejn irrizervat li tipprovdi fir-rigward wara li tezamina r-rikors u risposta relattiva;

Tirrileva li l-imsemmija rikors u allura, ir-risposta ghall-istess, ma gewx intavolati;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-lanjanzi u risposti prodotti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ghaddejjin proceduri kriminali fost affarijiet ohra ghall-kultivar tal-*cannabis*, bir-rikorrenti Marmara quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u r-rikorrenti Camenzuli fil-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) it-tnejn bi ksur tal-artikolu 8 (c);

2. Illi z-zewg rikorrenti qieghdin jilmentaw mill-fatt li l-artikolu 22 (1B) tal-imsemmi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta hu leziv id-drittijiet taghhom taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ghaliex l-imsemmi artikolu tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhossux li hu sufficjentement car u ghalhekk johloq incertezza legali tant, li dan jaghmilha mpossibbli li persuna akkuzata taht dan l-artikolu jkollha smiegh xieraq;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-principju tac-certezza tad-dritt ghandu jinghad li dan il-principju nsibuh sancit f'diversi sistemi progrediti senjatament fil-Germania taht l-isem "*Vertranensschutz*"; fi Franza taht l-isem ta' "*protection de la confiance legitime*" u taht il-ligi Ngliza originarjament bhala "*protection of legitimate confidence*" li sussegwentement, biex jigi evitat kull ekwivoku inutili il-kelma "*confidence*" kienet sostitwita bil-kelma "*expectation*";

Illi sintetikament dan il-principju rikjamat mir-rikorrenti jistabbilixxi li ligijiet ghandhom mill-inqas jissodisfaw is-segwenti rekwiziti:

i. Illi jkunu cari bizzejjed biex jiddefinixxu b'mod li wiehed ikun jista' minghajr sforzi mmani, mill-ewwel japprezza l-agir minnu rikjest u allura, jistabbilixxu dik il-prevedibilita` legittima tal-agir mistenni u tal-konsegwenza f'kaz ta' nuqqas;

ii. Illi ghalhekk fost affarijiet ohra, ligi ghandha kemm jista' jkun – specjalment dik ta' indola kriminali – tissodisfa fost l-ohrajn is-segwenti kriterji:

a. Illi tkun prospettiva u mhux retrospettiva – anke fid-dawl tal-precett kostituzzjonali fir-rigward;

b. Illi ma tkunx impossibbli li tobdiha;

c. Illi trid tkun regolarment u legalment stabbilita bhala ligi minn awtorita` legittima kompetenti;

d. Illi trid tkun cara fl-aspetti kollha taghha kemm lingwistici, kif ukoll logici u legali;

e. Illi trid tkun ukoll koerenti mas-sistema legali in generali;

iii. Illi ghalhekk kemm l-agent attiv, kif ukoll il-professjonist legali li jkollu l-obbligu jaghti l-pariri tieghu fir-rigward, ikunu orjentati bi precizjoni bizzejjed biex kemm l-

azzjoni jew indikazzjoni de quo tkun ibbazata fuq kriterji cari li jorjentawhom b'mod adegwat u sewwa fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza sollevata mir-rikorrenti tirrigwarda l-artikolu 8 (c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferit li tistabbilixxi s-segwenti:

8. " Ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min –

(c) jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*

Illi di piu`, r-rikorrenti fuq riferiti rabtu l-artikolu 22 (1B) tal-istess Kap fuq riferit mal-istess artikolu fuq indikat, li jistabbilixxi li ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza, il-kelma "traffikar" ta' drogi hemm riferiti **tinkludi l-koltivazzjoni**;

Illi wara li ezaminat fil-fond il-lanjanza in dizamina, din il-qorti ssib ruhha tikkondividi l-preokkupazzjoni tal-intimati fis-sens li hi wkoll issibha ferm difficli tara kif dawn l-artikoli mehuda anke flimkien, joholqu l-incertezza legali riferita mir-rikorrenti;

Illi hi l-opinjoni konsiderata ta' din il-qorti li kellha l-opportunita` tezamina l-Kap in dizamina fit-tul, li effettivament mehud fl-assjem kollu tieghu, dan il-Kap, (li fil-lingwagg modern ma jistax jinghad li hu "*user-friendly*"), tistieden lil min hu dovut biex din il-ligi, li taf l-origini taghha f'Hong Kong qabel l-1939 li minnha hi kkupjata, tant kellha tassorbi zviluppi li llum tghajjat ghal ridirezzjoni strutturali u lingwistika li fiha nnifisha, il-Kap 101 fl-intier tieghu, jista' verament jippekka kontra l-principju tac-certezza tad-dritt fuq riferit, stante li s-saffi ta' emendi li tghabba bih tassew jirrenduh difficilment assimilabbli jew mifhum;

Illi pero` l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti ma jidhirx li tindirizza din il-problema u hi biss limitata ghall-artikoli riferiti stante li ma jidhirx li jqajjmu xi diffikultajiet immani li wiehed ma jifhimhomx – la lingwistici, la strutturali u lanqas ta' natura legali;

Illi kull ma dawn l-artikoli qed jistabbilixxu hu li l-ligi qed tekwipara t-“**traffikar**” mal-“**kultivar**” u dan, bl-iskop preciz li taghlaq kwalunkwe possibilita` li l-agent attiv involut jahrab mill-effetti tal-ligi in dizamina billi jgib bhala difiza l-allegazzjoni li dak li jkun qed jikkoltiva jkun ghall-uzu esklussiv tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti ghalhekk tifhem ir-*ratio* wara dan l-artikolu specifiku li fl-opinjoni umli taghha jservi biex bi kjarezza rari jekwipara dawn iz-zewg azzjonijiet flimkien stante li l-effett nefast li joholqu jattira l-kundanna morali u statutorja bhal tlaqlieq;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-qorti ma tqisx li l-azzjonijiet kriminali li ghalihom gew sottoposti r-rikorrenti kif minnhom stess indikati fir-rikors promotur jilledulhom id-drittijiet fundamentali minnhom rikjamati fl-istess rikors, stante li d-direzzjoni statutorja tirrizulta kjarissima kemm fl-iskop kif ukoll fl-espressjoni, u dan anke fuq l-iskorta tal-Konvenzjoni in dizamina fuq riferita;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimati, tirrespingi *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti Marmara u Camenzuli bhala nfondati, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------